



Brussell, 21 ta' Marzu 2022
(OR. en)

7414/22

CONOP 18
CODUN 11
CFSP/PESC 402

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 7050/1/22 REV 1 COPS 106 CONOP 17 CODUN 10 CFSP/PESC 385	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar id-Disa' Konferenza ta' Reviżjoni għall-Konvenzjoni dwar l-Armi Bijoloġiċi u ta' Tossina

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar id-Disa' Konferenza ta' Reviżjoni għall-Konvenzjoni dwar l-Armi Bijoloġiċi u ta' Tossina, kif approvati mill-Kunsill fit-3859 laqgħa tiegħu li saret fil-21 ta' Marzu 2022.

**KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL DWAR ID-DISA' KONFERENZA TA'
REVIŻJONI GĦALL-KONVENZJONI DWAR L-ARMJI BIJOLOĠIĊI U TA' TOSSINA**

1. Il-Kunsill jilqa' d-Disa' Konferenza ta' Reviżjoni li jmiss tal-Konvenzjoni dwar l-Armi Bijoloġiċi u ta' Tossina (BTWC). F'konformità mal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni tal-Armi ta' Qerda Massiva tal-2003, il-Kunsill jafferma mill-ġdid l-appoġġ inekwivoku tiegħu għall-BTWC bħala n-norma globali legalment vinkolanti kontra l-armi bijoloġiċi u l-pedament tal-isforzi internazzjonali biex jiġi prevenut li aġenti jew tossini bijoloġiċi jiġu żviluppati, prodotti, maħżuna jew inkella akkwistati u użati bħala armi fil-futur.
2. Il-Kunsill huwa impenjat bis-sħiħ għal approċċ multilaterali u bbażat fuq it-trattati li jżomm fis-seħħ u jsaħħaħ il-paċi u s-sigurtà internazzjonali. Il-BTWC hija waħda mill-pilastri ewlenin tal-arkitettura globali għad-diżarm u n-nonproliferazzjoni.
3. Il-Kunsill jirrikonoxxi li l-BTWC kienet l-ewwel Konvenzjoni fl-1975 li pprojbiet kategorija sħiħa ta' armi ta' qerda massiva, u jafferma mill-ġdid l-importanza tal-universalizzazzjoni tal-Konvenzjoni. Mid-dħul fis-seħħ tal-Konvenzjoni, 183 Stat saru parti għall-Konvenzjoni, fatt li jissottolinja l-importanza universali tal-BTWC fl-indirizzar ta' theddid globali. Il-Kunsill jappella lill-Istati kollha li għadhom ma nqasdu mal-Konvenzjoni biex jagħmlu dan u biex, sakemm isseħħ l-adeżjoni tagħhom, jaderixxu mat-termini tagħha.
4. Il-Kunsill jirrikonoxxi l-importanza tal-Protokoll għall-Projbizzjoni tal-Użu fil-Gwerra ta' Gassijiet Asfissjanti, Velenużi jew Gassijiet Oħra, u ta' Mezzi Batterjoloġiċi ta' Gwerra, magħruf ukoll bħala l-Protokoll ta' Ġinevra tal-1925, li huwa ssupplimentat mill-BTWC. Il-Kunsill jappella għall-universalizzazzjoni tal-Protokoll ta' Ġinevra u jfaħħar ir-ratifiki li seħħew mill-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni tal-UE mħejjija bil-ħsieb tat-Tmien Konferenza ta' Reviżjoni fl-2015.

5. Il-Kunsill jirrikonoxxi li l-aġenti u t-tossini bijoloġiċi jintużaw b'mod wiesa' għal finijiet paċifiċi f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-BTWC. Fl-istess ħin, jeżisti r-riskju ta' tixrid naturali jew aċċidentali ta' patoġeni perikolużi. Bil-pandemija tal-COVID-19 rajna kemm il-mard jista' jaqşam il-fruntieri malajr u kemm jista' jkun perikoluż u ta' tfixkil. Huwa għalhekk li huwa urġenti aktar minn qatt qabel li tissaħħaħ il-BTWC u l-implimentazzjoni tagħha.
6. B'kont meħud ta' dan il-kuntest u minħabba l-ħidma sostantiva mwettqa mill-Istati parti matul iċ-ċiklu ta' rieżami attwali, id-Disa' Konferenza ta' Reviżjoni tirrappreżenta opportunità unika mhux biss biex jissaħħu l-Konvenzjoni u l-implimentazzjoni tagħha, u biex jittejjbu l-bijosikurezza u l-bijosigurtà fil-livell globali, iżda wkoll biex jiġu avvanzati l-assistenza, il-kooperazzjoni, ir-rispons u t-tnejn tal-Istati Parti. Din il-Konferenza ta' Reviżjoni tirrappreżenta mument f'waqtu biex tissaħħaħ in-norma globali kontra l-armi bijoloġiċi u biex tiġi żviluppata aktar il-BTWC sabiex jiġu prevenuti l-użu ħażin ta' aġenti u tossini bijoloġiċi kif ukoll ta' żviluppi fix-xjenza u t-teknoloġija filwaqt li jiġi promoss l-użu paċifiku tagħhom.
7. Il-Kunsill jiddispjaċih għall-posponiment inevitabbli tad-Disa' Konferenza ta' Reviżjoni minħabba l-pandemija globali tal-COVID-19 u jenfasizza r-rwol ewlieni tal-Konferenzi ta' Rieżami għall-implimentazzjoni, il-ħarsien u t-tisħiħ tal-BTWC.
8. Il-Kunsill jappoġġa l-adozzjoni mill-Konferenza ta' Reviżjoni ta' deċiżjonijiet u rakkomandazzjonijiet li jħarsu 'l quddiem. Dawn ser jipprovdu pjan direzzjonali ċar għaċ-ċiklu ta' reviżjoni li jmiss, inkluż programm intersessjonali robust.
Il-prijoritajiet tal-Kunsill huma:
 - a) it-tisħiħ u s-sostenn tal-fiduċja fil-konformità;
 - b) l-istabbiliment ta' reviżjoni tax-Xjenza u t-Teknoloġija;
 - c) l-appoġġ għall-implimentazzjoni nazzjonali sħiħa;
 - d) l-operazzjonalizzazzjoni tal-proċeduri konsultattivi tal-Artikolu V għas-soluzzjoni ta' kwalunkwe problema li tista' tinqala' fir-rigward tal-oġġettiv, jew fl-applikazzjoni, tal-BWC;

- e) l-operazzjonalizzazzjoni tal-Artikolu VII dwar l-assistenza lil Stati li ġew esposti għal periklu bħala riżultat ta' ksur tal-Konvenzjoni;
 - f) l-appoġġ għall-implimentazzjoni tal-Artikolu X dwar il-kooperazzjoni u l-assistenza relatati mal-iskambju ta' tagħmir, materjali u informazzjoni għal finijiet paċifiċi;
 - g) il-promozzjoni tal-aderenza universali għall-Konvenzjoni;
 - h) it-tisħiħ tal-Unità ta' Appoġġ għall-Implimentazzjoni (ISU) tal-BTWC u r-rwol tagħha.
9. Il-Kunsill jilqa' l-impenn tal-Istati Membri tal-UE biex jimmobilizzaw ir-rieda politika u jippromwovu l-implimentazzjoni tal-obbligi u l-oġettivi tal-BTWC permezz ta' diversi inizjattivi matul iċ-ċiklu ta' rieżami attwali. Il-Kunsill jappoġġa l-iżvilupp ta' inizjattivi prattiċi bħal dawn li ġejjin:
- a) mekkaniżmu ta' konsulenza xjentifika;
 - b) sett ta' prinċipji ta' gwida volontarji għax-xjenzati (Kodiċi ta' Kondotta);
 - c) pjattaforma ta' skambju għal eżerċizzji volontarji ta' trasparenza skont l-Artikolu IV rigward ir-rekwiżit li tittieħed kwalunkwe miżura nazzjonali meħtieġa biex jiġu pprojbiti u prevenuti l-iżvilupp, il-produzzjoni, il-ħażna, l-akkwist jew iż-żamma ta' armi bijoloġiċi fit-territorju ta' Stat, taħt il-ġurisdizzjoni tiegħu, jew taħt il-kontroll tiegħu;
 - d) bażi ta' data operazzjonali u linji gwida fil-qafas tal-Artikolu VII;
 - e) pjattaforma online ddedikata għall-bijosikurezza u l-bijosigurtà skont l-Artikolu X;
 - f) il-promozzjoni ta' standards ta' ġestjoni tal-bijoriskju.

L-UE ser tappoġġa d-deċiżjonijiet rilevanti dwar dawn l-inizjattivi fil-Konferenza ta' Reviżjoni.

10. Il-Kunsill iqis il-verifika bħala element ċentrali ta' reġim ta' diżarm u nonproliferazzjoni komplet u effettiv, inkluż fi ħdan il-BTWC. Il-Kunsill itenni r-rieda tiegħu li jesplora f'aktar dettall il-kwistjoni tal-verifika, b'kont meħud tal-iżviluppi fix-xjenza u t-teknoloġija rilevanti għall-Konvenzjoni kif ukoll l-evoluzzjoni tat-theddida. F'dan ir-rigward, il-Kunsill jinkoraġġixxi lill-Konferenza ta' Reviżjoni biex tiegħu azzjoni dwar miżuri konkreti fiż-żmien qasir li jsaħħu immedjatement il-BTWC filwaqt li tinnegozja miżuri ulterjuri possibbli li jsaħħu l-implimentazzjoni tal-BTWC, inkluż dwar iż-żieda fit-trasparenza u t-tisħiħ tal-assigurazzjoni fil-konformità. Il-Kunsill jappella lill-Istati Parti biex jittrattaw dawn il-kwistjonijiet b'mod kostruttiv u ambizzjuż.
11. Il-Kunsill jilqa' l-fatt li fl-2021 għadd rekord ta' rapporti dwar Miżuri għat-Tisħiħ tal-Fiduċja (CBMs) ġew ippreżentati mill-Istati Parti. Il-Kunsill iħeġġeġ bis-sħiħ lill-Istati Parti kollha biex jużaw għodod ta' assistenza ffinanzjata mill-UE bħall-gwida għall-miżuri għat-tisħiħ tal-fiduċja u l-faċilità elettronika tal-miżuri għat-tisħiħ tal-fiduċja biex jippreżentaw ir-rapporti annwali tagħhom dwar il-miżuri għat-tisħiħ tal-fiduċja lill-ISU. Barra minn hekk, il-Kunsill ifakkar fl-appoġġ fit-tul tiegħu għal aktar miżuri għat-tisħiħ tal-fiduċja bħal evalwazzjonijiet bejn il-pari, żjarat volontarji u inizjattivi oħra.
12. Il-Kunsill jirrikonoxxi li l-uniku mekkaniżmu internazzjonali indipendenti eżistenti għall-investigazzjoni tal-użu allegat ta' armi bijoloġiċi huwa l-Mekkaniżmu tas-Segretarju Ġenerali tan-NU għall-investigazzjoni tal-użu allegat ta' armi kimiċi u bijoloġiċi (UNSGM). Il-Kunsill ifakkar fl-appoġġ b'saħħtu u fit-tul tiegħu għall-UNSGM u l-operazzjonalizzazzjoni tiegħu f'konformità mal-Aġenda għad-Diżarm tas-Segretarju Ġenerali tan-NU tal-2018 "Niżguraw il-Futur Komuni tagħna". Il-Kunsill ifakkar li fit-2 ta' Ġunju 2020 huwa adotta Deċiżjoni li tipprovdi finanzjament b'appoġġ għal proġetti mmirati lejn l-operazzjonalizzazzjoni tal-UNSGM speċifikament fir-rigward tal-użu allegat ta' armi bijoloġiċi.
13. B'kont meħud tal-iżviluppi rapidi fix-xjenzi tal-ħajja u fit-teknoloġija rilevanti għall-Konvenzjoni, il-Kunsill jappoġġa wkoll id-Disa' Konferenza ta' Reviżjoni fid-delegazzjoni ta' ċerti setgħat ta' teħid ta' deċiżjonijiet lil-Laqgħa tal-Istati Parti.

14. Il-Kunsill jirrikonoxxi li l-appoġġ ipprovdut mill-ISU tal-BTWC lill-Istati Parti għall-implimentazzjoni tal-obbligi tagħhom fir-rigward tal-BTWC u lill-programm ta' ħidma intersessjonali huwa imprezzabbli. Il-Kunsill jappoġġa bis-sħiġ it-tishiġ tar-rwol tal-ISU, inkluż permezz tal-istabbiliment ta' pożizzjoni ta' uffiċjal tax-xjenza u t-teknoloġija fi ħdan l-ISU.
15. Il-Kunsill jenfasizza li kontribuzzjonijiet sħaħ u fil-ħin mill-Istati Parti għall-baġit tal-BTWC huma rekwiżit essenżjali għall-funzjonament tal-Konvenzjoni, inkluż għall-organizzazzjoni ta' laqgħat regolari u s-sostenn tal-ISU. L-akkumulazzjoni kontinwa ta' arretrati minn xi wħud mhijiex aċċettabbli. Il-Kunsill ifakkar li l-għan tal-Fond tal-Kapital Operatorju, kif stabbilit fl-2018, huwa li jipprovdli likwidità finanzjarja għal żmien qasir fil-bidu tas-sena kalendarja u mhux biex ikopri pagamenti mhux imħallsa jew arretrati. Għal darb'oħra, il-Kunsill jappella lill-Istati Parti kollha biex jissodisfaw l-obbligi finanzjarji tagħhom skont il-Konvenzjoni u jħallsu l-kontribuzzjonijiet ivvalutati tagħhom fil-ħin u b'mod sħiġ. Il-Kunsill ihegġegħ lill-Istati Parti li għandhom arretrati biex iħallsu l-ammonti dovuti tagħhom mingħajr aktar dewmien.
16. Il-Kunsill jissottolinja li l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u t-tishiġ tal-pożizzjoni tan-nisa u l-bniet huma prijorità orizzontali importanti għall-Unjoni u jisħaq dwar l-importanza li l-perspettivi tal-ġeneru jiġu integrati fid-diskussjonijiet fil-BTWC.
Għandhom jiġu analizzati l-effetti possibbli speċifiċi għall-ġeneru ta' dawn l-armi. Id-data diżaggregata skont is-sess, kif ukoll l-għarfien tal-perspettivi tal-ġeneru, jistgħu jikkontribwixxu għar-reżiljenza u t-tħejjija tal-Istati Parti u jtejbu l-effettività tal-assistenza skont il-Konvenzjonijiet dwar l-Armi Bijoloġiċi u Kimiċi.
17. Barra minn hekk, bħala sostenitur sod tal-Azzjoni 36 tal-Aġenda għad-Diżarm tas-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, li tiffoka fuq il- Parteċipazzjoni Sħiħa u Ugwali tan-Nisa fi Proċessi ta' Teħid ta' Deċiżjonijiet", il-Kunsill jappoġġa u jippromwovi bis-sħiġ il-parteċipazzjoni ugwali tan-nisa u l-irġiel fil-qasam tad-diżarm, in-nonproliferazzjoni u l-kontroll tal-armi u jinkoraġġixxi l-parteċipazzjoni tan-nisa fil-Konferenza ta' Reviżjoni tal-BTWC.

18. Il-Kunsill jappoġġa l-edukazzjoni dwar id-diżarm u n-nonproliferazzjoni, li għaliha l-Konsorzju tal-UE għan-Nonproliferazzjoni, in-network Ewropew ta' gruppi ta' riflessjoni indipendenti, qed jikkontribwixxi b'diversi attivitajiet. F'konformità mal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ, il-Kunsill jinkoraġġixxi wkoll l-inklużjoni taż-żgħażaġh fid-dibattitu relatat mal-BTWC. Għal dak il-għan, il-Kunsill ifakkar li fil-21 ta' Jannar 2019 huwa adotta Deċiżjoni li tipprovdi finanzjament b'appoġġ għal proġett bil-għan li jipprovdi opportunitajiet ta' żvilupp tal-kapaċità għal żgħażaġh li jfasslu l-politika, xjenzati u akkademiċi min-Nofsinhar Globali li huma involuti f'oqsma relatati mal-BTWC.
19. Il-Kunsill jissottolinja l-importanza kruċjali li d-Disa' Konferenza ta' Reviżjoni tal-BTWC tħalli riżultat pożittiv u sostantiv, kemm billi teżamina mill-ġdid l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni u l-impenji meħuda fil-passat, kif ukoll billi tidentifika oqsma li fihom, u permezz tagħhom, għandu jsir aktar progress fil-futur. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza li jinkiseb konsensus dwar miżuri u deċiżjonijiet biex tissaħħaħ u tiġi operazzjonalizzata l-Konvenzjoni. Il-Kunsill jiddeċiedi li jikkontribwixxi b'mod attiv għad-Disa' Konferenza ta' Reviżjoni tal-BTWC, inkluż permezz ta' proposti għal azzjonijiet konkreti u orjentati lejn il-futur għall-Konferenza ta' Reviżjoni. Għal dak il-għan, l-Istati Membri tal-UE kkontribwew b'Dokumenti ta' Ħidma għaċ-Ċiklu ta' Reviżjoni attwali. L-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha ser jieħdu approċċ attiv u kostruttiv għan-negozjati fil-Konferenza ta' Reviżjoni.
-